MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 224/2012

**Appell Nru. 224/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Andy Debono**

**Illum 18 t'April, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 378483M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar is-7 ta' Settembru 2011 u nhar it-8 ta' Ottubru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Mirabelle Caruana u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum

minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif hawn fuq spjegat.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti kif esposti quddiemha. Ghandu jinghad qabel xejn, ghalkemm din ma hix kwistjoni li tirrientra fil-kompetenza ta' din il-Qorti, li f'dan il-kaz, l-appellant ma kienx gie notifikat bir-rikors promotur ipprezentat minn Mirabelle Caruana fejn talbet li jigi ordnat il-hlas ta' manteniment, fejn fil-fatt mir-riferta tan-notifika tat-28 ta' Gunju 2011 jirrizulta li l-kopja tar-rikors giet imqassma lil certu Melvin Debono. Melvin Debono qatt ma ghadda d-dokuemnti li rcieva lill-appellant bl-istess rikors. L-appellant ghalhekk ma kellu l-ebda opportunita` li jwiegeb ghar-rikors imsemmi. Inoltre jirrizulta li dan ir-rikors

sabiex l-appellant jissomministra manteniment favur l-ulied jikkontjeni allegazzjonijiet li huma ghal kollox inveritiera, billi Mirabelle Caruana tallega li l-appellant ghandu impjieg. Meta mistoqsija quddiem l-Ewwel Qorti dwar jekk kienx minnu li hi taf li l-appellant ghandu impjieg, ir-risposta taghha kienet fin-negattiv u b'hekk dan hu kaz fejn id-digriet li permezz tieghu l-appellant instab hati, inkiseb b'qerq da parti ta' Mirabelle Caruana

Jinghad ukoll illi l-appellant intavola rikors fit-18 ta' Jannar, 2012, kopja annessa u markata Dokument A, liema rikors ghadu pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

2. Illi kif gja inghad, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tal-istess digriet datat 22 ta' Lulju 2011 laqghet it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors prezentat minn Mirabelle Caruana u ffissat "il-manteniment fis-somma ta' €150 ghal kull wild minuri", madanakollu f'dan id-digriet ma hemm bl-ebda mod specifikat kull meta l-appellant ghandu jhallas din is-somma. Kif seta` ghalhekk l-appellant jinstab hati li ma hallasx manteniment ghal perjodu partikolari, meta d-digriet relattiv ma jispecifikaz meta, u kull meta, dan il-manteniment kellu jithallas? Jinghad bla tlaqliq li l-appellant instab hati ta' ksur ta' digriet li ma kienx jordnalu li jwettaq dak li hu instab hati li naqas milli jwettaq. L-Ewwel Qorti ma setghetx timxi fuq supposizzjonijiet, izda fuq il-provi li kellha quddiemha, u ma setghetx tirrimpjazza hi, jew tassumi hi, dak li fid-digriet tal-22 ta' Lulju 2011 ma hemmx.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci", "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena*

*erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) :* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"*** *[26.2.2009] :-*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (<u>u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena." (Ara wkoll* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"*** *[20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".*

Illi ghalhekk ghalkemm il-piena erogata kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jirrizulta li meta wiehed iqabbel il-piena li giet erogata ma' piena li solitament jinghataw mill-istess Ewwel Qorti fil-kaz ta' "first time offenders", bhal ma hu l-appellant, wiehed isib li effettivament fejn hi r-regola generali li "first time offender" jigi punit bl-applikazzjoni tal-artikoli 22 u ordni ghall-hlas taht l-artikolu 24 tal-Kap. 446, jew in pessima ipotezi u normalment fil-kaz tat-tieni ksur permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap. 9, f'dan il-kaz il-Qorti marret "full blast" fl-erogazzjoni tal-piena u kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni.

Huwa minu wkoll illi l-prosekuzzjoni tista` targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero` huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista` jigi punti ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu – partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif inghad aktar qabel, u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b'mod lejali u korrett – u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jaghzel li jikkontesta u min jaghzel li jammetti – anke billi skont il-gurisprudenza d-discount fil-piena li jinghata lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-Qorti tal-Familja b'digriet moghti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) iffissat il-manteniment fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) ghal kull wild minuri illi kellha l-parti leza mal-appellant. Jidher illi l-appellant naqas milli jivversa dan il-manteniment ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru tal-elfejn u hdax (2011) u b'citazzjoni, gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghal dan in-nuqqas.

B'sentenza moghtija fit-tmintax (18) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn spjega illi deherlu illi s-sentenza kienet harxa wisq fil-konfront tieghu meqjus ukoll in konsiderazzjoni l-mod kif gie redatt id-digriet tal-manteniment li kien wiehed nebuluz illi seta' jaghti lok ghal xi dizgwid bejn il-partijiet. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ghandha quddiemha l-verbal maghmul mill-parti civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) fejn iddikjarat illi l-appellant hallas il-manteniment mertu ta' din il-kawza fil-mori ta' dan l-appell u ma hemmx pretensjonijeit kontra tieghu fir-rigward.

Ikkunsidrat:

Il-hlas fil-mori tal-appell ma taghmilx differenza ghal dikjarazzjoni ta' htija maghmula mill-Qorti tal-Magistrati. Però din il-Qorti mhiex aversa ghat-talba tar-riforma tal-piena peress illi dan il-hlas jista' jaghti lok ghal temperament. Fil-fatt fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said," deciza fil-25 ta' Settembru tal-2013 il-Qorti qalet, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983), (bl-emenda tal-1986), kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi xi ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u

ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena ...”. U dak huwa proprju li se taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tirriformaha ghal dak illi jirrigwarda l-piena u flok gimgha detenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------